FONTANA

Minuti ta` l-għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis, 30 ta` Novembru 2006 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| | |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u nfurmat lill-Kunsill li l-minuti tal-laqgħa ta` qabel mhumiex lesti peress li l-*computer* jinsab bil-ħsara.

<u>Korrispondenza</u>
Il-*Gozo Bird Breeders Society* talbet lill-Kunsill sabiex iħallas *trophy* ta` Lm15 sabiex tiġi ppreżentata lill-membru ta` l-għaqda mill-lokal li jkun esebixxa l-iktar għasafar fil-Wirja Annwali li ser issir fit-2 u 3 ta` Diċembru 2006. Il-Kunsill qabel.
Il-Moviment ta` Kana f`Għawdex informa lill-Kunsill dwar il-Konkors 'Familja Qalb tad-Deheb' sena 2006. Il-Kunsill ġie mistieden jinnomina familja/i għal dan il-premju.
Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Kerċem bagħat korrispondenza dwar studenti Franċiżi biex jitħarrġu f`Għawdex.
Il-Forum Malta fl-Ewropa bagħat korrispondenza dwar l-istruttura tal-Forum u l-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali.
*CareMalta* bagħtu korrispondenza bis-suġġett 'Nazzareno Vassallo *Award for initiatives in Elder Care'*. Il-Kunsill ġie mitlub jinnomina persuna/i għal dan il-premju. Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġi nnominat Chris Galea tax-xogħol siewi u utli li jagħmel ma` l-anzjani. Il-Kunsill qabel.
Is-Sur David Apap Agius mill-MTA talab proposti mingħand il-Kunsill ta` xi bżonnijiet, miljoramenti u x`inizjattivi jistgħu jittieħdu flimkien. Is-Sindku ssuġġerixxa li mal-MTA isiru l-proġetti tal-passaġġi bi stil rustiku li l-Kunsill għandu l-applikazzjonijiet tagħhom mal-MEPA ta` Triq Wied Siekel u dak ta` Triq Għajn Tuta li jwassal għal Wied il-Lunzjata. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsill qabel ukoll illi jitlob għajnuna sabiex jiġu stallati *cameras* biex jiġu protetti l-għejjun.
L-Uffiċċju Elettorali bagħat korrispondenza dwar il-validita` tal-Karta ta` l-Identita' u dwar ir-Reġistru Elettorali.
Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b`Diżabilita' bagħtet kopja tar-rapport li ntbagħat lill-MEPA dwar il-permess tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kummissjoni għal darb`oħra m`approvatx il-pjanti fir-rigward *'Access for All'* minħabba r-rampa ta` l-entratura u affarijiet oħra. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi b`konsultazzjoni mal-Perit Attard Montalto

u s-Sur Alfred Bezzina ntalab li ssir laqgħa bejn dawn it-tnejn biex jiġi diskuss x`inhu jżomm milli jkun hemm il-*clearance* mill-K.P.N.D. Din il-laqgħa saret fl-uffiċċju tal-K.N.P.D. f`Malta u nstabet soluzzjoni.

L-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta approvat li titwaħħal il-mera u jsiru s-sinjali sofor fi Triq John Gaspard Le Marchant. Il-Kunsill qabel illi jikkuntattja lil Louis Portelli sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru.

It-Taqsima Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħtet korrispondenza bis-suġġett '*Items* fuq Kummissjoni' fil-Karnival t`Għawdex 2007.

Il-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura bagħat korrispondenza dwar *Forum* Nazzjonali dwar il-Wirt Kulturali 2006.

Il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent bagħat żewġ korrispondenzi bis-suġġett *'Contribution of Local Councils to the Environment Fund'* u 'Allokazzjoni ta` *Bring-in Sites*'.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għal permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana.

Il-MEPA bagħtet ukoll il-lista tal-membri ġodda għall-Bordijiet ta` l-Appelli dwar l-Ippjanar.

Il-MEPA bagħtet korrispondenza bħala tweġiba għall-ilment li kien sar mis-Sur Emanuel Schembri dwar Triq Wied Siekel. Il-Kunsill qabel illi jgħaddi kopja ta` din l-ittra lis-Sur Schembri.

Is-Sur Chris Galea mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab informazzjoni dwar *CCTVs* u *Speed Cameras*. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-informazzjoni mitluba.

Ms. Romina Scerri mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħtet korrispondenza dwar il-ħaddiema ta` l-*ex WSC* assenjati mal-Kunsilli Lokali f`Għawdex.

Is-Sur Silvio Frendo mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab informazzjoni dwar il-kuntratti mad-Dipartiment tad-Distretti. Il-Kunsill ġie mitlub jikkonferma jekk id-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp jaqbilx li ż-żewġ kuntratti jiġġeddu għal sena oħra bl-istess termini u kundizzjonijiet u jekk qattx ħareġ *default notice*. Is-Segretarju Eżekuttiv ser twieġeb din l-ittra.

Is-Sur Noel Formosa, Rappreżentant Reġjonali, bagħat korrispondenza dwar skeda ta` attivitajiet għal perjodu tax-Xitwa. Is-Sindku ssuġġerixxa li nieħdu sehem billi ssir attivita' fl-ewwel *weekend* ta` Diċembru 2007. F`dak iż-żmien fil-Fontana niċċelebraw 'Jum il-Fontana' u l-festa ta` Sant Indrija u għaldaqstant tista` ssir attivita` li tikkonsisti f`*re-enactments* dwar il-ħajja ta` dari b`enfażi fi Pjazza l-Għejjun u l-inħawi ta` madwar. Il-Kunsill qabel.

Is-Sur Formosa bagħat ukoll korrispondenza dwar nominazzjonijiet għat-tliet rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali fuq il-*LAG (Leader Action Group)*.

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bagħtet *refund* ta` l-ikla ta` nofsinhar tal-laqgħa li saret għas-Sindki peress li s-Sindku għalkemm attenda għall-laqgħa ma` kienx preżenti għall-ikla.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 11/2006 dwar *'11$^{th}$ Ministerial Session of the European and Mediterranean (EUR-OPA) Major Hazards Agreement 31$^{st}$ October 2006 – Marrakech (Morocco)'*.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 12/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki - Majjistral.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 13/2006 dwar *'Conference on Security, Democracy and Cities'*.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 14/2006 dwar *'The Israeli strike in Gaza shows the need for bringing all parties to the negotiating table'*.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 15/2006 dwar *'Russian Municipal Forum – Novosibirsk, Russia'*.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 16/2006 dwar *'Autumn Session of the Congress of local and Regional authorities of the Council of Europe'.*
Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 17/2006 dwar *'Launching Conference of the campaign against domestic violence Madrid, Spain, 27th November 2006'.*
Inqrat Ċirkulari AKL 65/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki, Majjistral.
Inqrat Ċirkulari AKL 66/2006 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Carmelo Pulis, missier is-Sur Angelico Pulis, Kunsillier fil-Kunsill Lokali tax-Xgħajra.
Inqrat Ċirkulari AKL 67/2006 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Anthony Tabone, missier is-Sur Raymond Tabone, Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Baħar.
Inqrat Ċirkulari LESC 1/2006 tal-Kumitat dwar is-Sistema ta` l-Infurzar Lokali (LESC) dwar l-i*Speed Cameras*.
Inqrat Memo 30/2006 dwar Rapport dwar l-Effiċjenza tal-Kunsilli Lokali.
Inqrat Memo 31/2006 dwar Direttiva ta` l-Unjoni Ewropea dwar Użu mill-Ġdid ta` Informazzjoni Miżmuma minn Entita' fis-Settur Pubbliku, inklużi Kunsilli Lokali.
Inqrat Memo 32/2006 dwar Eżempji ta` Prattiċi Tajbin minn Kunsilli Lokali fi Proġetti ta` l-Unjoni Ewropea.
Inqrat Memo 33/2006 dwar Ħinijiet ta` l-Uffiċċju u Tipjip f`Postijiet Miftuħin għall-Pubbliku.

## Mistoqsijiet

Il-Viċi-Sindku qal illi hemm żewġ bozoz *central-hanging* fit-tarf ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili li kull tant ħin jiintfew. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tirraporta dawn il-bozoz. Is-Sindku ssuġġerixxa li tinħareġ l-offerta għal 21 fanal dekorattiv ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. B`hekk jitnaqqsu l-ispejjeż li qed ikun hemm, peress li qed ikunu bil-ħsara ta` sikwit. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa x`ġara peress li fid-29 ta` Novembru kellu jiltaqa` l-Bord tal-MEPA dwar il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku wieġeb illi minħabba l-fatt li kienet għadha m`għaddietx mill-Kummissjoni għall-Persuni b`Diżabilita', għaldaqstant kellha tintefa` lura. Is-Sindku żied jgħid illi issa li l-Kummissjoni wieġbet li min-naħa tagħhom għaddiet, l-applikazzjoni għandha timxi aktar il-quddiem. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi tajjeb illi niċċekkjaw d-data ta` meta ġiet aġġornata. Is-Sindku wieġeb illi wieħed jista` jara minn fuq il-*website* tal-MEPA.

Il-Kunsilliera Maria Schembri qalet illi faċċata ta` l-Uffiċċju tal-Kunsill hawn il-bankina mkissra. Is-Sindku wieġeb illi l-bankina reġa` kissirha tal-gaffa u ser titranġa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## Fondi mill-MEPA li ser jiġu allokati għal tisbieħ u titjib fil-Fontana

Is-Sindku qal illi l-Kunsill tal-Fontana ser jieħu s-somma ta` Lm4,050 taħt l-*Urban Improvement Fund*. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel illi għandu jintalab Lm1020 għat-tisbieħ tal-*belvedere* f`tarf Triq ta` Mulejja u Lm3000 għall-bini mill-ġdid ta` *Public Convenience* fil-proġett taċ-Ċentru Ċiviku.

**Xogħol ta` *printed concrete***
Is-Sindku qal illi wasal iż-żmien biex isir xogħol ta` *printed concrete*. Huwa qal illi għandna dik ta` fejn il-Knisja pendenti kif ukoll issuġġerixxa li Sqaq Nru. 3 fi Triq tal-Għajn isir bil-*printed concrete*. Il-Kunsilliera Maria Schembri astjeniet peress li t-tifla tagħha għandha proprjeta` hemmhekk. Il-Kunsill qabel illi joħroġ offerta għal dan ix-xogħol.

**Mozzjonijiet**
Mozzjoni Nru. 1 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi fil-vaganzi tal-Milied jorganizza ħarġa għat-tfal f`Malta fejn fost l-oħrajn inżuru wieħed mis-*circus* li ser ikun hemm f`Malta.

Mozzjoni Nru. 2 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jitlob lill-awtoritajiet konċernati biex Triq. Mons. Mikiel Buttigieg tiġi mdawla peress li meta jidlam tkun fi dlam ċappa, bil-konsegwenza li min ikun irid jużaha speċjalment it-tfal tkun ta` nkonvenjent kbir għalihom.

**Approvazzjoni ta` kontijiet**
Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| *First Foods Franchises Ltd.* | Lm | 61.62,0 |
| *EneMalta Corporation* | Lm | 50.00,0 |
| *EneMalta Corporation* | Lm | 50.00,0 |
| *Gozo Channel Co. Ltd.* | Lm | 14.00,0 |
| David Mario Fenech | Lm | 20.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 591.50,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 20.00,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm | 65.03,0 |
| *Department of Information* | Lm | 4.00,0 |
| George Sacco | Lm | 365.00,0 |
| Charlon Cassar | Lm | 12.50,0 |
| *The Photo Shop* | Lm | 5.67,0 |
| *Koptaco Coaches* | Lm | 82.60,0 |
| *Public Cleansing Department* | Lm | 21.97,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm | 6.63,0 |
| *Mallia Property & Developments Co. Ltd.* | Lm | 29.30,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm | 6.64,0 |
| Emmanuel Caruana | Lm | 20.00,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm | 127.30,0 |
| Fortun Mifsud | Lm | 7.00,0 |
| *Mr. Signs* | Lm | 27.00,0 |
| Centru ta` Matul il-Jum għall-Anzjani | Lm | 84.60,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | Lm | 7.24,0 |
| *Odyssey Restaurant* | Lm | 47.06,0 |

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel.: 21558877 Fax.: 21562555

FONTANA

| | | |
|---|---|---|
| *Bookpoint* | | Lm 26.65,0 |
| Josephine Gauci | | Lm 45.62,0 |
| | Total | Lm1798.93,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 18/2005 ġiet approvata.

## Ilmenti/Suġġerimenti

Il-Kunsiller Lorry Apap qal illi huwa għandu x-xewqa illi t-Toroq Kardinal Alessandro Franchi flimkien ma` John Gaspard Le Marchant jiġu mżejna għall-festi tal-Milied. Huwa qal li dwar dan diġa tkellem mas-Sindku. Is-Sindku staqsieh jekk jafx lil xi ħadd li għandu xi apparat li jista` jintuża. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iċċekkjaw jistgħux jinkrew xi siġar naturali, iżda diffiċli. Wara diskussjoni ġie deċiż illi jiġi kkuntattjat Michael Bugeja. Dan ġie kkuntattjat bit-telefon fejn aċċetta li jiġi dak il-ħin stess fil-laqgħa. Wara ġie diskuss it-tiżjin tat-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi. Il-Kunsillier Lorry Apap spjega x-xewqa tiegħu ta` kif jixtieq li jsir it-tiżjin u qal li peress li siġar naturali hija problema wieħed għandu jaħseb li jixtri siġar artifiċjali. Wara diskussjoni twila ġie deċiż li s-Sur Bugeja jagħti stima lill-Kunsill sabiex jiġu mżejna dawn it-toroq. Il-Kunsillier Lorry Apap flimkien mas-Sindku talbu *quotation* lil Michael għal twaħħil ta` 21 fanal bl-*isolator* magħhom fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Il-Kunsill qabel. Is-Sur Bugeja ġie nfurmat mis-Sindku li diġa hemm ħames *isolators* tal-bozoz eżistenti. Għandha tiġi ċċekjata wkoll il-proċedura dwar it-twaħħil mal-Korporazzjoni *EneMalta*.

## Materji oħra

Is-Segretarju Eżekuttiv attendiet laqgħa ta` tagħlim fuq l-immaniġjar ta` l-iskart. Din saret fl-*NGO Gozo Centre* nhar il-Ġimgħa, 24 ta` Novembru 2006.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar in-niċċa tas-Salvatur saret żjara fuq il-post mill-Bord tal-MEPA *DCC (G)* peress li meta nstemgħet l-applikazzjoni din ġiet differita, minħabba li l-Perit Ivana Farrugia talbet li ssir laqgħa fuq il-post. Dan għar-raġuni li l-parir li ħa l-*Environment Protection Unit* kien biex din tibqa` kif inhi minkejja li fil-bidu kien rakkomandat li joħroġ il-permess, għalkemm ma kienx jaqbel mal-*method statement* tal-Perit għar-raġuni li kien rakkomandat li s-siment eżistenti li jkun għadu tajjeb jibqa' hemm. Għal din il-laqgħa fuq il-post attenda wkoll is-Sindku flimkien mal-Perit Farrugia. Ġie deċiż li l-ewwel ħaġa li għandha ssir hi li jitneħħa s-siment kollu li hija miksija bih din in-niċċa u mbagħad jerġgħu jintbagħtu r-ritratti. Dan għandu jiġi approvat fil-laqgħa tal-Bord li jmiss.

Il-Viċi-Sindku qal illi bħal ma jaf kulħadd kellna problemi bil-*computers* tal-Kunsill. Huwa mar għand il-*VSS* għaliex jaħseb li għandhom l-*after sales service* tajjeb u ġab xi kwotazzjonijiet. Il-Kunsillier Anthony Cassar issuġġerixxa li jinxtara *labtop* filwaqt li l-Kunsillier Lorry Apap staqsa jekk jinbidel il-*hard-disc* x`jiġri. Il-Viċi-Sindku wieġeb illi dik hija l-aktar parti li tiswa l-flus. Il-Kunsilliera Maria Schembri qalet illi anke Michael Mercieca għandu servizz tajjeb. Il-Kunsill qabel illi jinġabru kwotazzjonijiet oħra. Il-Viċi-Sindku qal illi l-*computers* kull tant żmien ikollhom bżonn ta` *service* bħal *defragments* u

affarijiet oħra. Huwa qal jekk il-Kunsill jaċċetta lest li jieħu ħsieb jagħmel dan ix-xogħol bħala voluntier. Il-Kunsill aċċetta.

Is-Sindku qal illi Joe Mercieca beda jagħmel xogħol ta` kennies mill-ewwel ġimgħa ta` Novembru b`ħinijiet ġodda peress li jidħol għax-xogħol mit-Tnejn sas-Sibt. Il-kuntrattur Victor Attard għalaqlu ż-żmien li kien ġeddidlu l-Kunsill.

Tranġa wkoll l-arloġġ ta` Pjazza l-Għejjun minn Michael Bugeja. Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li flimkien mas-Sur Paul Zahra għamlu żjara fi Triq is-Sajjieda fejn trid titranġa t-triq bit-tarmak peress li ġiet imqatta` għall-proġett ta` *'Fontanella Gardens'*.

Saret ukoll laqgħa bejn is-Sindku u l-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex dwar l-ismijiet li ġew proposti mill-Kunsill dan l-aħħar. Hu mistenni li bejn Triq is-Sajjieda u Triq tal-Għajn jiġi approvat u Sqaq Bieb il-Għajn ser jiġi Trejqet Bieb il-Għajn peress li jinfed minn żewġ naħat. Dwar l-isem għal trejqet li hemm fil-*Fontanella Gardens* ma ġie deċiż xejn u nfurmaw lis-Sindku li għalissa jekk xi ħadd isaqsi dwar l-indirizz jiġi nfurmat li hi Triq Ġdida fi Triq is-Sajjieda.

Is-Sindku u l-Viċi-Sindku attendew għall-laqgħa tas-Sindki li saret fil-Lukanda *Golden Sands*, Għajn Tuffieħa.

Is-Sindku attenda għall-laqgħa tas-Sindki Għawdxin fil-Kunsill Lokali San Lawrenz fejn ġie diskuss l-Uffiċċju Reġjonali għal Għawdex u attivita' fil-*weekends* tax-Xitwa minn kull Kunsill.

Twaħħlu t-tlett iqsari tal-ġebel fuq il-balavostri tal-*belvedere* tal-Għajn ta` Bendu.

Twaħħal ukoll l-isem ġdid ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili li kien ġie mkisser.

Dwar l-ilment li kien hemm biex tinbidel bozza għal oħra b`vultaġġ għola mad-dar nru. 274 fi Triq tal-Għajn, inbidlet mill-Korporazzjoni EneMalta.

Is-Sindku attenda l-Qorti dwar ir-*road hump* fi Triq tal-Għajn.

Saret ukoll il-ħarġa għal kulħadd f`Għawdex fl-okkażjoni ta` 'Jum il-Fontana'. Żorna x-Xlendi, Ras il-Bajjada fil-Munxar, Sannat u Xewkija fejn żorna l-Mużew ta` l-Iskultura fir-Rotunda u anke tlajna fuq il-Knisja bil-*lift*. Wara żorna l-kwartieri tal-Protezzjoni Ċivili f`Ta` Lambert fejn dawk preżenti ngħataw taħdita dwar il-perikli li niltaqgħu magħhom fid-dar mis-Sur Peter Mercieca, l-uffiċċjal inkarigat. Wara żorna x-Xagħra u Marsalforn fejn dawk preżenti ġew offruti kafe' u xi ħaġa ta` l-ikel mill-Kunsill. Attendew 47 persuna fosthom is-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsilliera Maria Schembri.

Saret ukoll laqgħa mas-Sur George Schembri dwar it-tiżjin tal-Milied li ser isir minn ħdejn l-Uffiċċju tal-Kunsill sal-Knisja Parrokkjali. Attendew il-membri kollha tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fejn sar qbil unanimu li dan it-tiżjin ser isir għall-ħlas ta` Lm200 u l-*meter* tad-dawl flimkien mal-konsum jitħallsu mill-Kunsill.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li attenda għaċ-ċerimonja ta` 'Jum it-Tifkira' li saret fi Pjazza Indipendenza fejn poġġa kuruna f`isem il-Kunsill mal-Monument ta` Kristu Re.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat mis-Sur George Fenech li talab li jingħata *sponsor* għal attivita' li ser jorganizza ibnu David Mario b`risq *Lourdes Home* u Fr. George Camilleri, missjunarju Ġiżwita fl-Indja. Il-Kunsill qabel li jagħti għajnuna ta` Lm20 għal dan il-ġest nobbli.

Il-Kunsill qabel illi jordna isem taċ-ċeramika mingħand *Alka Ceramics* għal Triq Wied Siekel.

Il-Kunsill qabel ukoll li jqabbad lis-Sinjura Johanna Caruana sabiex tirranġa l-*fixed assets* tal-Kunsill għall-prezz ta` Lm100.

Is-Sindku talab lill-Kunsill jiddeċiedi dwar il-*parking-bays* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, dan għar-raġuni li għadha pendenti. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi l-ittri għandhom jintbagħtu biss lil min jabita f`din it-triq. Is-Sindku qal illi huwa għadu bl-istess deċiżjoni, jiġifieri jintbagħtu lil kull min għandu proprjeta` f`dik it-triq u mhux imniżżel fir-Reġistru

Elettorali. L-erba` l-oħra membri tal-Kunsill qablu li tintbagħat ittra lil kull min jabita` biss fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.
Dwar l-i*stickers* għall-*parking* is-Sindku qal li dawn jistgħu jsiru u ġie deċiż li jiġu ordnati biex ikunu jistgħu jitqassmu lir-residenti tal-Fontana.
Bi qbil unanimu wkoll ġie deċiż li jinqalgħu t-tabelli ta` l-iskema ta` parkeġġ ikkontrollat fejn jidher li m`hemmx ħtieġa tagħhom.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm ilment dwar kanni tal-ventilazzjoni tad-drenaġġ li hemm mal-ħajt f`tarf Sqaq Bieb il-Għajn peress li dawn ser jaqgħu. Meta ġiet avviċinata s-sezzjoni tad-drenaġġ dawn infurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinġab *quotation* u jekk tiġi approvata tħallas il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma biex jinqalgħu. Is-Sindku għandu jieħu ħsieb li tinġabar din il-*quotation*.
Is-Sindku ppropopna li jiġu ordnati l-għaxar fanali fuq stil rustiku li jonqos, flimkien mal-fanal ta` l-Għajn il-Kbira mingħand Pupull Attard. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku qal ukoll lill-Kunsill li skond ir-rapport tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali l-Kunsill tagħna ġie l-ewwel minn fost 22 Kunsill li ġew assessjati bejn Diċembru 2005 u Marzu 2006. Dwar dan deher rapport fil-gażetta 'Il-Ġens' u *'Malta Today'*. Kopja tagħhom ġiet preżentata lill-Kunsill.
Is-Sindku qal li min dan ir-rapport jidher li hemm bżonn ikompli jsir xi titjib u għalhekk ippropona li jsir *patching* bil-*hot asphalt*, xogħol ta` konkos fi Trejqet ix-Xagħri, rranġar ta` sinjali tat-traffiku u l-irranġar tal-ħsara fil-proġett ta` Pjazza l-Għejjun. Il-Kunsill qabel li s-Sindku jieħu ħsieb li dawn jitwettqu.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sinjura Pauline Portelli m`aċċettatx li taħdem il-ħelu għar-riċeviment ta` 'Jum il-Fontana' peress li m`għadhiex tagħti dan is-servizz. Għalhekk bi qbil tal-Kunsill ġie mqabbad is-Sur Francis Grima.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 28 ta` Diċembru 2006 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |